MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1444/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Christian Baldacchino (K.I. 360284M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tablet hlas ta’ elf u disgha u tletin ewro u disa’ centezmi (€1039.09) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skont *Client Contract Number* 1022756 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Il-konvenut gie interepellat diversi drabi sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u deher ghas-seduta tal-24 ta' Novembru, 2010 fejn taht gurament ammetta t-talba izda stqarr illi m'ghandux mezzi biex ihallas u xtaq illi ihallas l-ammont ratejalment.

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Christian Baldacchino u huwa sodisfatt illi s-socjeta' attrici ppruvat il-kaz taghha.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------